I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 723/2007

**tat-18 ta' Ġunju 2007**

**li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 64, l-Artikolu 65(2) u l-Annessi VII u XI ta' l-imsemmija Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20, l-Artikolu 64 u l-Artikolu 92 ta' l-imsemmija Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

Kien hemm żieda sinifikanti fl-għoli tal-ħajja fl-Estonja fil-perjodu bejn Ġunju u Diċembru 2006. Huwa meħtieġ għalhekk li l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u impjegati oħra jiġu aġġustati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, il-koeffiċjenti korrettorju applikabbli, taħt l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u ħaddiema oħra fil-pajjiż imsemmi hawn taħt, huwa stabbilit kif ġej:

— Estonja 83,4.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F.-W. STEINMEIER

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1895/2006 (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 6).